MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Numru. 1087/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**VS**
**AHMED MOHAMMED MASOUD ALDAHESH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ahmed Mohammed Masoud Aldahesh ta' 24 sena, bin Mohammed u Zora xebba Miladu, imwieled il-Libja, fid-9 ta' Novembru 1986 residenti gewwa No. 64 St Joseph Triq in-Nutar Debono Naxxar detentur ta' passaport Libjan 897840.

Akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta bejn il- 24 u 25 ta' Settembru 2011 f'xi hin bejn is-siegha ta' filghodu u s-sitta ta' filghodu gewwa l-Qawra San Pawl il-Bahar bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, arresta, zamm jew

issekwestra lill Mark Ronald Leighton kontra volonta' tieghu:

U aktar talli fl'istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkometta serq liema serq huwa anqas minn 233 euros u ikwalifikat bil-vjolenza, u bil-hin ghad-dannu ta Mark Ronald Leighton;

U aktar talli fl'istess jum, hin, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;

U aktar talli fl'istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta kien fil-pubbliku, qal xi kliem oxxenn jew indicenti li kien ukoll jikkonsisti f'dagha;
U aktar talli fl'istess jum, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku u cioe PC 1280 J. Portelli u PS 935 P. Cassar jew ma hallix, jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor;

U aktar talli fl' istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattatt bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Ahmed Mohammed Aldahesh** hati skond l-akkuzi u wara li rat Artikoli 86, 261, 262, 209, 338 (bb), 342, 338 (ee), 338(dd), 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.

Din il-piena giet akkordata in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu, u il-fatti spece tal-kaz.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici is-sinjifikat u il-konsegwezi ta' sentenza sospiza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------